# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar t-Tlieta**
**Sitta u Għoxrin (26) ta’ Marzu 2024**

**Rikors Numru 32/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**GasanMamo Insurance Limited**

**Vs**

**Holden Development Company Limited (C 109)**

**u kif ukoll**

**Elmo Insurance Limited (C 3500) għall-kull interess li jista’ jkollha**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 13 ta’ Jannar 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-kumpanija Holden Development Company Limited (Holden), bħala Prinċipal, riedet tagħmel diversi xogħolijiet ta’ żvilupp fir-Ramla Bay Hotel u għal dan l-iskop inkarigat diversi kuntratturi.*

    2. *Illi s-soċjeta' Holden kellha Contracts Works Policy maħruġa mil-Elmo Insurance Limited (Elmo) li kienet tkopri kemm lilha nnifisha u anke lill-kuntratturi kollha minnha nkarigati (Dok B).*

    3. *Illi din l-polza għandha sezzjoni li tkopri "Material Damage" li fiha excess ta’ 10% ta' kull claim u sezzjoni oħra li hija ta’ indennizz ibbażat fuq tort (Public Liability section).*

4. *Illi Mekkanika Limited (Mekkanika), bħala waħda minn dawn l-kuntratturi, ġiet inkarigata mil-Holden "For the supply, Installation, Testing, Commissioning of seven (7) Kone Elevators and Two (2) Hidral Service Dumbwaiters" permezz ta' ftehim tal-24 ta' Settembru 2015 (Dok A).*

5. *Illi l-kumpanija Mekkanika, apparti li kienet koperta taħt l-polza li ħarġet Holden mal-Elmo, kif hawn fuq spjegat, kienet ukoll koperta b'polza ta' assigurazzjoni tagħha innifisha maħruġa mis-soċjeta' rikorrenti (GasanMamo), li wkoll kellha Material Damage cover, iżda il-kopertura f'dina l-polza ta' GasanMamo hija suġġetta biss għall-excess huwa ta' €582. (Dok C)*

6. *Illi a bażi tal-ftehim tal-24 ta' Settembru 2015 bejn Mekkanika u Holden (Dok A klawsola 4 (j)) Holden kellha tipprovdi post sikur u adegwat sabiex jiġu stivati lifts, apparat u għodda sakemm dawn jiġu installati. Ġie espressament pattwit fi klawsola numru 4 illi l-kumpanija Holden hija fid-dover li tipprovdi storage space li huwa adegwat u sigur fuq il-post liema storage space għandu jkun fil-viċinanza tal-lift-well u obbligat ruħha wkoll li taħżen il-lift equipment, installation tools u equipment għaż-żmien kollu tax-xogħolijiet sakemm il-lift jiġi kkommissjonat u jkun hemm il-handover.*

7. *Illi l-lifts, apparat u għodda ġew stivati fil-post appositament provdut minn Holden.*

8. *Illi fit-8 ta' Marzu 2017 seħħ inċident billi daħal kwantita' ta' ilma tal-baħar fil-post fejn kienu stivati il-lifts li kienu ser jitwaħħlu fuq il-post, l-għoddod u l-apparat. Dawn kollha kienu tqiegħdu eżattament fejn kien indikat mis-soċjeta' Holden u ġew totalment distrutti.*

9. *Illi b'riżultat ta' dan is-soċjeta' Mekkanika Limited sofriet telf ammontanti għal €228,322, liema telf kien kopert miż-żewġ poloz ta' assigurazzjoni hawn fuq imsemmija (Dok B u Dok C). Il-quantum tad-danni mhux kontestat.*

10. *Illi l-Mekkanika għamlet claim għat-telf imsemmi taħt ż-żewġ poloz.*

11. *Illi a bażi tal-Material Damage Section tal-polza, s-soċjeta' Elmo ikkompensat lil Mekkanika s-somma ta' €205,490 liema somma tirrappreżenta d-danni sofferti mill-Mekkanika minus l-excess ta' 10% cjoe €22,832.*

12. *Illi stante illi kien hemm żewġ poloz ta' assigurazzjoni, l-Elmo, kif kellha dritt li tagħmel skond l-liġi, talbet lill-esponenti biex tħallas il-kontribuzzjoni tagħha. Mhux kontestat li contribution exercise jiskatta fejn hemm iktar minn polza waħda li tkopri Material Damage u fejn jiġu sodisfatti xi kundizzjonijiet oħra.*

13. *Illi a bażi tal-contribution exercise relattiv, irriżulta illi s-sehem ta‘ kontribuzzjoni taħt il-Material Damage section taħt il-polza tal-Elmo huwa ta‘ €108,298 mentri s-sehem ta' GasanMamo huwa ta' €97,192 (net of excess), u dana hekk kif ġie miftiehem bejn l-istess assikuraturi, kif ser jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

14. *Illi GasanMamo, kif kienet obbligata li tagħmel skond l-liġi u skond l-polza ta' assigurazzjoni li kellha mal-Mekkanika, kellha tħallas u fil-fatt ħallset lil Elmo s-somma ta’ €97,192 (Dok D1 u D2) u lil Mekkanika s-somma ta’ €22,832 liema somma tal-aħħar tirrappreżenta l-excess mhux imħallas mill-Elmo lil Mekkanika.(Dok E).*

15. *Illi tali hlasijiet, hekk kif saru taħt dik is-sezzjoni tal-polza imsejjha bħala 'Material Damage', saru totalment indipendentement mil-kwistjoni tat-tort u ħtija tal-akkadut.*

16. *Illi kif ġie spjegat aktar ‘il fuq, is-soċjeta’ Holden kienet obbligata li tipprovdi post adegwat u sigur għall-ħażna tal-affarijiet tal-Mekkanika u ovvjament, ġaladarba seħħet il-ħsara, hija naqset milli tipprovdi post sigur u adegwat u għalhekk hija qiegħda fit-tort riżultanti min-nuqqas ta‘ responsabilita’ għall-ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha għall-ħsarat li ġraw, kif ser jiġi pprovat waqt t-trattazzjoni tal-kawża.*

17. *Billi l-esponenti ssostni li ħsara riżultanti mil-inċident de quo huwa imputabbli lil Holden, hija għandha dritt ta‘ rivalza għall-flus li hija ħarġet. Tali dritt joħroġ mill-fatt li l-esponenti kienet obbligata li taffettwa l-imsemmija pagamenti kemm lil Mekkanika kif wkoll lil-Elmo sabiex b’hekk inħoloq l-interess ġuridiku tal-esponenti sabiex tistitwixxi dawn l-proċeduri u jiġi evitat li jkun hemm arrikiment indebitu a detriment tal-esponenti.*

18. *Illi meta l-esponenti ħallset l-excess lill-Mekkanika u l-kontribuzzjoni lil Elmo kif fuq spjegat, hija għamlet dan wkoll a bażi tal-obbligu tagħha ta' uberrimae fidei u l-istess prinċipju ta‘ uberrimae fidei tpoġġi lill-Elmo jekk mhux wkoll lill-Holden bl-istess dover li konsegwentement għandhom jirrikonoxxu l-pożizzjoni tal-esponenti u d-drittijiet tagħha ta' rivalza fl-eventwalita’ li jirriżulta li l-Holden għandha tort għat-telf.*

19. *Illi l-intimati Holden, interpellati sabiex jikkumpensaw lil-esponenti għal-ammont totali minnha mħallas ta’ € 120,024, baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha issir din l-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti, jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *tiddeċiedi u tiddikjara illi s-soċjeta' Holden hija unikament responsabbli għall-ħsarat fuq imsemmija u;*

ii. *tikkundanna lil Holden sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta’ €120,024 għar-raġunijiet premessi bl-interessi mid-data tal-preżentata ta’ dan r-rikors sad-data tal pagament effettiv;*

iii. *tagħti kull ordni u provvidiment fil-konfront tal-Elmo li jista' jkun neċessarju u dan konsegwentement għal premess u għall-ħlasijiet magħmula mil-esponenti kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, liema intimati huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-19 ta' Frar 2020, is-soċjetajiet intimati Holden Development Company Limited u Elmo Insurance Limited laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *Illi, fl-ewwel lok, in linea preliminari, is-soċjetajiet esponenti jeċċepixxu l-karenza tal-interess ġuridiku meħtieġ sabiex is-soċjeta' rikorrenti tippromwovi l-azzjoni odjerna. Għalhekk, is-soċjetajiet esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*

   2. *Illi, fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, jigi eċċepit illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in kwantu diretti kontra s-soċjetajiet esponenti stante li m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-istess soċjeta' rikorrenti u s-soċjetajiet esponenti; dan hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Ġialadarba bejn dawn il-partijiet ma kien hemm, u qatt ma jista' jkun hemm, l-ebda rapport kontrattwali jew obbligu ġuridiku [li jitnissel ex nunc minn xi aġir extra-kontrattwali] li jorbothom flimkien ai finijiet tal-preżenti kawża, isegwi għalhekk li s-soċjetajiet esponenti mhumiex il-leġittimi kontradittturi għall-lanjanzi tas-soċjeta' rikorrenti u għandhom għalhekk jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*

   3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, għal dak li jirrigwarda l-mertu, it-talbiet rikorrenti hekk kif diretti kontra s-soċjetajiet esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti.*

   4. *B'mod partikolari, għal dak li jingħad fis-sitt (6) premessa rikorrenti, is-soċjetajiet esponenti jagħmlu referenza għall-klawsola 4 (j) fl-interita' tagħha hekk kif kontenuta fil-ftehim imsemmi mis-soċjeta' rikorrenti (u eżebit bħala Dok. A mar-rikors promotur). Din l-imsemmija klawsola tkompli tgħid illi, "If for any reason beyond the control of the contractor the site is not secured enougħ to store the elevators, the client should seek an alternative site. Should the client fail to provide an adequate storage place for the lift equipment, this will be stored by the contractor and charged to the client's account by the going storage rate. A double handling charge will be also levied". Tenut kont tal-fatt illi s-soċjeta' Mekkanika Limited huma esperti f'dan il-qasam, kienet ir-responsabbilta' tal-istess Mekkanika Limited, skont din il-klawsola, li tassikura ruħha li s-sit provdut mis-soċjeta' esponenti Holden Development Company Limited għal ħażna tal-lifts, apparat u għodda kien wieħed adegwat. Hekk kif ser jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża, is-soċjeta' Mekkanika Limited fl-ebda stadju ma qajmet*

*diffikulta' jew oġġezzjoni li l-istess sit ma kienx a sodisfazzjon tagħha. Dan għalhekk jfisser li s-sit kien fil-fatt wieħed adegwat.*

5. *Illi, di piu', mingħajr preġudizzju għal dak appena premess, is-soċjetajiet esponenti jeċċepixxu illi l-ħsarat subiti mis-soċjeta' Mekkanika Limited, u li għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta' rikorrenti a tenur tal-polza ta' assikurazzjoni illi kellha viġenti, ġraw b'aċċident jew b'forza maġġuri a tenur tal-Artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

6. *Illi, in aġġunta ma' dak appena premess, is-soċjetajiet esponenti jirrilevaw illi fid-data tal-inċident de quo, u ċioe' fit-8 ta' Marzu 2017, il-gżejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija u inaspettata li ħalliet ħerba sħiħa f'diversi lokalitajiet u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Kwindi, l-imsemmija soċjetajiet qatt ma jistgħu jinstabu responsabbli għal xi dannu versu s-soċjeta' rikorrenti.*

7. *Illi, konsegwentement, mingħajr preġudizzju għas-suespost u għas-sussegwenti, ma hemm l-ebda ammont li din l-Onorabbli Qorti għandha tikkundanna lis-soċjetajiet esponenti illi jħallsu.*

8. *Salv għal kull eċċezzjoni ulterjuri permessa mill-liġi, bl-ispejjeż kontra tal-istess soċjeta' rikorrenti.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija, ossija s-segwenti:

   a. *'Contract for the supply, installation, testing, commissioning and certification of Vertical Transportation System at Ramla Bay Hotel Resort Malta'*, bejn Holden Development Company Limited u Mekkanika Limited datat Awissu 2015. (fol 5 sa 11)

   b. *Contracts Works Policy Number 266-1004134* maħruġa minn Elmo Insurance Ltd lil "*Holden Developments Ltd and/or Bonnici Bros Ltd and/or G&P Borg Ltd and/or contractors and/or sub contractors for their Contract Aite activities only*" għall-perjodu ta' bejn *15th February 2016 to 17th May 2017*. (fol 12 sa 21)

   c. *Contractors All Risk Policy Number 61477E561* maħruġa minn GasanMamo Insurance a favur ta' Mekkanika Ltd, u varji *endorsements* differenti maħruġa matul is-snin. (fol 22 sa 45)

   d. Korrispondenza datata 24 ta' Ġunju 2019 bejn GasanMamo Insurance u Elmo Insurance. (fol 46 u 47)

   e. Riċevuta tal-ħlas datata 4 ta' Lulju 2019 tas-somma ta' €97,192 imħallsa lil GasanMamo Insurance Ltd minn Elmo Insurance abbażi tal-*Contracts Work Policy Number 266-1004134* maħruġa a favur ta' Holden Developments Ltd. (fol 48)

f. Ħlas ta’ €22,832 lil Mekkanika Ltd minn GasanMamo Limited datata 20 ta’ Ġunju 2019 u korrispondenza relattiva (fol 49 u 52), li kienet il-policy excess tal-Polza tal-assikurazzjoni tal-Elmo Insurance Ltd.

g. *"Discharge and Subrogation Form"* mogħtija minn Mekkanika Limited a favur is-soċjeta' assikurattiva Elmo Insurance Limited, datata 4 ta' Lulju 2018 fl-import ta’ €133,545. (fol 61)

h. Ittra mibgħuta mill-Avv. Dottor Peter Borg Costanzi għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti f'isimiha proprju u hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Mekkanika Limited lis-soċjeta’ Holden Development Company Limited, datata 12 ta' Lulju 2019. (fol 62)

i. Tweġiba għall-imsemmija ittra mibgħuta mill-Avv. Dottor Paul Gauci Maistre lis-soċjeta' rikorrenti, datata 28 ta' Awissu 2019. (fol 63)

j. Tweġiba għall-imsemmija ittra mibgħuta mill-Avv. Dottor Peter Borg Costanzi lill-Avv. Dottor Paul Gauci Maistre, datata 16 ta' Settembru 2019.

k. *Discharge and subrogation form* datata 19 ta’ Ġunju 2019 maħruġa minn Mekkanika Limited a favur tas-soċjeta' GasanMamo Insurance Ltd fl-import ta’ €120,024. (fol 66)

l. Tweġiba għall-imsemmija ittra mibgħuta mill-Avv. Dottor Alessia Zammit McKeon lill-Avv. Dottor Peter Borg Costanzi, datata 21 ta' Ottubru 2019. (fol 67)

4. Rat l-affidavit ta’ **Donald Mizzi**, Lift Division Manager fi ħdan is-soċjeta' Mekkanika Limited, ippreżentat fis-16 ta’ Ġunju 2020. (fol 73)

5. Rat l-affidavit ta’ **James Bonnici**, Lift Installation Manager fi ħdan is-soċjeta' Mekkanika Limited, ippreżentat fis-16 ta’ Ġunju 2020. (fol 74)

6. Rat l-affidavit ta’ **Colin Sultana**, Assistant Project Manager fi ħdan is-soċjeta' Mekkanika Limited, ippreżentat fl-1 ta’ Lulju 2020. (fol 78)

7. Rat l-affidavit ta’ **John Galdes**, Senior Manager fid-Dipartiment tal-Personal and Commercial Claims fi ħdan is-soċjeta' Gasan Mamo Insurance Ltd, ippreżentat fl-1 ta’ Lulju 2020, (fol 80 sa 86) flimkien ma’ serje ta’ dokumentazzjoni. (fol 87 sa 103)

8. Rat l-affidavit ta’ **Bernard Farrugia**, Surveyor/Loss Adjuster fil-kumpannija Resolve Consulting Limited, ippreżentat fl-1 ta’ Lulju 2020 (fol 104) flimkien ma’ rapport datat 15 ta’ Marzu 2017. (fol 105 sa 112)

9. Semgħet ix-xhieda ta’ **Leslie Causon**, General Manager tas-soċjeta' rikorrenti, mogħtija in eżami fl-14 ta’ Lulju 2020. (fol 114)

10. Rat illi fl-14 ta’ Lulju 2020, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippreżenta.

11. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Donald Mizzi illi saritlu fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2020. (fol 130)

12. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' James Bonnici illi saritlu fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2020. (fol 137)

13. Semgħet ix-xhieda ta' **James Custo'**, rapprezentant tal-Uffiċju Meterjoloġiku, prodott mill-intimati u mogħtija, in eżami u kontro eżami, fis-26 ta' Jannar 2021 (fol 142) u rat ir-rapporti tat-temp minnu ppreżentati għall-jiem tas-7 u 8 ta' Marzu 2017. (fol 145 sa 148)

14. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-intimati fid-9 ta' Lulju 2021, ossija rapportaġġ fil-mezzi tax-xandir tal-maltemp li ħakem il-Gżejjer Maltin bejn is-7 u 8 ta' Marzu 2017. (fol 154)

15. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' John Galdes illi saritlu fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022. (fol 169)

16. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami u ri eżami ta' Leslie Causon illi saritlu fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022. (fol 177)

17. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' John Galdes illi saritlu fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022. (fol 169)

18. Semgħet ix-xhieda in eżami ta' **Anthony Cauchi** illi ngħatat fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2022 (fol 187) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentati, ossija:

    a. Survey Report ta' A.P. Services datat 20 ta' Ġunju 2018. (fol 195)

    b. *Discharge and Subrogation Form (Interim Payment)* mogħtija minn Mekkanika Limited a favur is-socjeta' assikurattiva Elmo Insurance Limited, datata 14 ta' Lulju 2017 fl-import ta' €71,945.19. (fol 202)

19. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Anthony Cauchi illi saritlu fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023. (fol 204)

20. Rat illi fid-9 ta' Frar 2023, il-partijiet qablu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippreżentaw w li għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

21. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti bil-miktub ippreżentati fl-4 ta' Mejju 2023. (fol 221)

22. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati bil-miktub ippreżentati fit-13 ta' Lulju 2023. (fol 243)

23. Semgħet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-13 ta' Lulju 2023, wara liema trattazzjoni, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

24. Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi filwaqt li s-soċjeta' assikuratriċi rikorrenti, GasanMamo Insurance Limited, kienet l-assikuratriċi tas-soċjeta' Mekkanika Limited, u dana permezz ta' *Contractors All Risk Policy Number 61477E561* minnha stess maħruġa, is-soċjeta' intimata Elmo Insurance Limited kienet l-assikuratriċi tas-soċjeta' Holden Development Company Limited, u dana permezz ta' *Contracts Works Policy Number 266-1004134* minnha stess maħruġa.

25. Jirriżulta illi filwaqt li l-polza tal-assikurazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti GasanMamo kienet tkopri lis-soċjeta' Mekkanika għall-kwalsiasi ħsarat illi setgħet issofri fuq il-post tax-xogħol fejn tkun qiegħda taħdem, il-polza tal-assikurazzjoni tas-soċjeta' Elmo kienet tkopri lis-soċjeta' Holden u lill-kuntratturi u sub kuntratturi kollha tagħha għal kwalsiasi ħsarat illi setgħu isofru kemm hi kif ukoll il-kuntratturi u sub kuntratturi tagħha fix-xogħol ta' ristrutturazzjoni illi kien qed isir fil-Hotel.

26. Jirriżulta, di fatti, illi s-soċjeta' intimata Holden Development Company Limited, sid tal-lukanda Ramla Bay Hotel, kienet qiegħda tagħmel xogħolijiet ta' ristrutturazzjoni fil-Hotel tagħha u, fost xogħolijiet illi kienu meħtieġa, kien hemm l-installazzjoni ta' varji 'lifts' fl-istess Hotel.

27. Jirriżulta illi s-soċjeta' Mekkanika Limited, li fost affarijiet oħra, tipprovdi għall-provvista u installar ta' lifts, kienet ġiet inkarigata mill-istess soċjeta' intimata Holden, permezz ta' kuntratt konkluż f'Awissu tas-sena 2015, sabiex tinstalla tali lifts fil-Hotel.

28. Jirriżulta illi, wara illi l-apparat tal-lifts inġieb Malta mis-soċjeta' Mekkanika Limited, l-istess soċjeta' Mekkanika Limited, flimkien mar-rappreżentanti tas-soċjeta' Holden, ftehmet illi l-apparat kollu jitqiegħed f'post sigur ġewwa l-kumpless tal-Hotel, sabiex jinbeda l-proċess tal-installar ta' tali lifts, peress illi l-Hotel kellha tinfetaħ sa nofs tas-sena 2018.

29. Jirriżulta, għalhekk, illi fis-27 ta' Jannar 2017, l-apparat u l-mekkaniżmu kollu ta' tali lifts ġew kkonsenjati ġewwa l-Hotel u s-soċjeta' Mekkanika Limited bdiet bix-xogħol ta' installar tal-lifts.

30. Ġara, iżda, illi fit-8 ta' Marzu 2018, waqt illi s-soċjeta' Mekkanika kienet in proċint illi tlesti l-ewwel lift minn għaxra illi kellha tinstalla, seħħet maltempata u l-baħar biswit il-Hotel Ramla Bay daħal fil-propjeta' ta' l-istess Hotel u għereq is-sular kollu fejn kienu jinstabu l-apparat u mekkaniżmu miġjuba mis-soċjeta' Mekkanika għall-installar fil-Hotel.

31. Jirriżulta illi, bħala konsegwenza ta' tali ingress ta' baħar, l-apparat u mekkaniżmu kollu safa danneġġjat b'mod irrimedjabbli u ma kienx aktar utilizzabbli.

32. Jirriżulta illi s-soċjeta' Mekkanika Limited, illi kienet assikurata mas-soċjeta' rikorrenti GasanMamo, minnufih fetħet 'claim' mas-soċjeta' rikorrenti, li bagħtet surveyor tagħha sabiex jivverifika d-danni u jikkwantifika l-claim.

33. Jirriżulta wkoll illi, mill-banda l-oħra, is-soċjeta' Holden Developments Limited, illi kienet assikurata mas-soċjeta' Elmo Insurance Limited, kienet da parte tagħha, minnufih fetħet claim ukoll mas-soċjeta' Elmo, li da parte tagħha wkoll bagħtet surveyor biex jivverifika d-danni u jikkwantifika l-claim.

34. Jirriżulta illi, fil-proċess tal-claim tal-ħsarat illi kienu saru riżultat ta' tali akkadut, is-soċjeta' Elmo Insurance ħallset pagament "interim" ta' €71,945.19 lis-soċjeta' Mekkanika Limited, liema pagament sar fl-14 ta' Lulju 2017 (fol 202) – ta' dan, is-soċjeta' Mekkanika iffirmat '*Discharge and Subrogation Form*'.

35. Jirriżulta illi, sussegwentement, is-soċjeta' Elmo Insurance ħallset it-tieni u l-aħħar pagament lis-soċjeta' Mekkanika Limited, liema pagament kien ta' €133,545 u sar fl-4 ta' Lulju 2018 (fol 61) – ta' dan, is-soċjeta' Mekkanika iffirmat ukoll '*Discharge and Subrogation Form*'.

36. Jirriżulta, madanakollu, illi s-soċjeta' intimata Elmo Insurance, abbażi tal-polza tal-assikurazzjoni illi kellha mas-soċjeta' Holden, ma ħallsitx l-excess ta' 10% tal-ħsarat sofferti mis-soċjeta' Mekkanika, illi kienu jammontaw għal €22,832.

37. Jirriżulta, illi għalhekk is-soċjeta' Mekkanika Limited pproċediet bil-claim tagħha mas-soċjeta' rikorrenti, fejn talbet ir-riżarċiment tal-excess illi s-soċjeta' Elmo Insurance ma ħallsitx, u dana wara illi jitnaqqas l-excess illi hija kellha tħallas taħt il-polza illi kellha mas-soċjeta' rikorrenti, ossija €582.

38. Jirriżulta illi, nel frattemp, is-soċjeta' intimata Elmo Insurance Limited kienet daret fuq is-soċjeta' rikorrenti GasanMamo Insurance sabiex, abbażi tal-prinċipju ta' kontribuzzjoni ta' indenniz, is-soċjeta' GasanMamo terfa' parti mill-kumpens imħallas minn Elmo Insurance u tirrifondiha s-sehem tagħha tal-flejjes imħallsin minn Elmo Insurance. Dana kien qegħed isir in vista tal-fatt li s-soċjeta' GasanMamo kienet qiegħda tassikura wkoll lis-soċjeta' illi s-soċjeta' Elmo eventwalment ħallset, ossija Mekkanika Limited, li kienet l-istess soċjeta' illi s-soċjeta' Elmo Insurance kienet ħallset komplessivament €205,490, u għalhekk is-soċjeta' Elmo kellha dritt titlob lis-soċjeta' GasanMamo sabiex tikkontribwixxi għat-telf sofferti minn Mekkanika Limited.

39. Jirriżulta illi, sussegwentement, fl-20 ta' Ġunju 2019, is-soċjeta' GasanMamo ħallset lis-soċjeta' Mekkanika s-somma ta' €22,832 (fol 49), filwaqt illi fl-4 ta' Lulju 2019, ħallset lis-soċjeta' Elmo Insurance Limited is-somma ta' €97,192 (fol 48) – is-soċjeta' Mekkanika fid-19 ta' Ġunju 2019 iffirmat '*Discharge and Subrogation Form*' a favur tas-soċjeta' GasanMamo (fol 66) għall-valur totali ta' €120,024, li llum tifforma l-meritu prinċipali tal-kawża odjerna.

## Ikkunsidrat

40. Jirriżulta illi, permezz tal-kawża odjerna, s-soċjeta' rikorrenti GasanMamo, abbażi tas-surroga lilha mogħtija mis-soċjeta' Mekkanika fid-19 ta' Ġunju 2019 fl-import ta' €120,024, qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara lis-soċjeta' Holden Developments Limited responsabbli għad-danni sofferti mill-assikurat tagħha, Mekkanika Limited, u tikkundanaha tħallas id-danni hekk imħallsa mis-soċjeta' rikorrenti GasanMamo lis-soċjeta' assikurata tagħha Mekkanika Limited.

41. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, is-soċjeta' Holden Development Limited kif ukoll is-soċjeta' assikuratriċi tagħha, Elmo Insurance Limited, qegħdin jikkontestaw tali rikjesta prinċipalment fuq tlett binjari:

    a. Is-soċjeta' GasanMamo ma għandha ebda interess ġuridiku fil-konfront tas-soċjetajiet intimati;

b. Is-soċjetajiet intimati ma jistgħux jinżammu responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' Mekkanika peress illi kienet l-istess soċjeta' Mekkanika li kienet responsabbli biex tassikura illi l-apparat u mekkaniżmu jitqiegħed f'post sigur;

c. Is-soċjetajiet intimati ma jistgħux jinżammu responsabbli għad-danni, peress illi dawna seħħew riżultat ta' maltempata qawwija li kienet ħakmet il-gżejjer Maltin.

**Ikkunsidrat**

42. Din il-Qorti, wara illi fliet fir-reqqa is-sottomissjonijiet eruditi tal-abbli difensuri tal-partijiet kif ukoll semgħet it-trattazzjoni orali tagħhom ukoll, tqis illi, qabel ma tinoltra ruħha dwar jekk is-soċjeta' rikorrenti għandhiex relazzjoni ġuridika jew le mas-soċjetajiet intimati, ikun opportun illi l-ewwel tqis u tikkunsidra l-argument li s-soċjetajiet intimati, partikolarment is-soċjeta' Holden Developments Limited, ma kinux responsabbli tal-akkadaut.

43. Għandu jingħad illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi bejn is-7 u t-8 ta' Marzu 2017, il-Gżejjer ta' Malta inħakmu minn maltempata qawwija li wasslu għal baħar b'mewġ ta' saħħa konsiderevoli li kkaġunaw varji ħsarat, fosthom ukoll li twaqqgħet it-Tieqa tad-Dwejra, li kienet ilha hemm għal sekli sħaħ.

44. Jirriżulta, għalhekk, mingħajr ebda dubju, illi dakinhar tal-akkadut, kien hemm maltemp illi, għalkemm mistenni għal dak iż-żmien tas-sena, kien wieħed illi kkawża varji ħsarat fuq il-kosta Maltija.

45. Jirriżulta wkoll, mingħajr ebda dubju, illi l-fond fejn kienu qed isiru x-xogħolijiet, ossija ir-Ramla Bay Hotel, propjeta' tas-soċjeta' intimata Holden Developments Limited, hija sit illi jinsab biswit il-kosta tal-baħar, anzi jista' jingħad illi huwa mibni fuq il-kosta tal-baħar, bir-riżultat illi hija dejjem issofri l-konsegwenzi tal-baħar qawwi illi jista' jinqala', minn żmien għal żmien.

46. Jirriżulta wkoll illi, fiż-żmien meta seħħet il-maltempata, kienu qed isiru ħafna xogħolijiet konsiderevoli ta' kostruzzjoni fuq il-fond, fatt mhux ikkontestat.

47. Jirriżulta illi, madwar xahar qabel ma seħħ l-akkadut, is-soċjeta' Mekkanika Limited, bi ftehim mas-soċjeta' Holden Developments Limited, kienet ġabet l-apparat kollu illi kienet ser tinstalla ġewwa l-fond, liema apparat kien tqiegħed ġewwa parti sigura tal-hotel, ossija ġewwa l-basement ta' l-istess hotel.

48. Jirriżulta illi, dakinhar, tali sit ġie meqjus bħala sigur minn kulħadd, inkluz is-soċjeta' intimata Holden Developments Limited, u għal varji ġimgħat, ma saret ebda ħsara lill-tali apparat, filwaqt illi l-Qorti tinstab konvinta wkoll illi ma kien isiru ebda ħsarat wkoll lill-istess apparat, kieku s-soċjeta' intimata ma għamlitx xogħolijiet illi ser jiġu issa indikati.

49. Jirriżulta, di fatti, illi kif jidher fir-ritratti esebiti fir-rapport tas-surveyor tas-soċjeta' rikorrenti, Bernard Farrugia (fol 108), bejn il-parti tal-Hotel fejn kienu qed jinżammu l-apparat u mekkaniżmu tas-soċjeta' Mekkanika w il-baħar, kien hemm ħajt ta' bejn sitta u seba' filati illi kien mibni sabiex jwaqqaf l-ingress tal-baħar ġewwa l-istess Hotel.

50. Jirriżulta, iżda, illi riżultat tax-xogħolijet ta' kostruzzjoni illi kienu qed isiru fil-Hotel, il-kuntrattur responsabbli minn tali xogħolijiet ta' kostruzzjoni neħħa żewġ porzjonijiet ta' tali ħajt twil, presumibbilment sabiex ikun jista' jdaħħal l-inġenji ta' kostruzzjoni tiegħu.

51. Jirriżulta ċar illi, bħala konsegwenza ta' tali ftuħ fil-ħajt, il-hotel kif ukoll il-parti tal-kumpless fejn kienu stivati l-apparat u mekkaniżmu tas-soċjeta' Mekkanika, ġew hekk esposti għall-ingress tal-baħar fl-eventwalita li tali baħar jkun qawwi u jibda jaqbeż minn fuq il-kosta li hemm biswit il-Hotel bir-riżultat illi, meta bejn is-7 u 8 ta' Marzu 2017, inqala' l-baħar qawwi, tali baħar spiċċa biex daħal ġewwa l-Hotel u għereq is-sular kollu illi kien hemm livell mal-baħar, u għereq kull ma kien hemm f'tali sular, inkluż l-apparat u mekkaniżmu tas-soċjeta' Mekkanika.

52. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi s-soċjeta' Holden Developments Limited ma' tistax teżimi ruħha minn responsabbilta' tal-akkadut billi tgħid illi kienet maltempata kbira, u dana peress illi, kien stqarr ir-rappreżentant tal-Uffiċċju Meterjoloġiku li xehed quddiem dina l-Qorti, dina kienet maltempata qawwija imma ta' qawwa li regolarment tolqot lil Gżejjer Maltin madwar tlett darbiet sa erbgħa fis-sena, u l-ingress tal-ilma baħar seħħ prinċipalment peress illi s-soċjeta' Holden kienet żarmat l-ilqugħ illi hija kellha għall-baħar, u għalhekk esponiet il-propjeta' tagħha u ta' terzi li kien hemm ġewwa tali propjeta', għall-elementi tal-baħar f'każ ta' maltemp – kif attwalment ġara.

53. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, filwaqt li s-soċjeta' Elmo Insurance Limited, permezz tad-difiża tagħha, tikkontendi illi s-soċjeta' Holden Developments Limited, ma setgħetx tinżamm responsabbli għad-danni kkawżati lil Mekkanika Limited, l-istess soċjeta' Elmo Insurance Limited kienet aċċettat ir-responsabbilta' tal-assikurat tagħha Holden Developments Limited u indennizzat lill-istess soċjeta' Mekkanika għad-danni minnha sofferti u ħallsitha s-somma ta' €205,490.

54. Għalhekk, ftit li xejn tifhem kif, minn banda waħda, taċċetta responsabblita' tal-akkadut mas-soċjeta' Mekkanika, u mill-banda l-oħra, tirrifjuta r-responsabblita' fil-proċeduri odjerni mibdija mis-soċjeta' GasanMamo, assikuratriċi tas-soċjeta' Mekkanika Limited, li lilha s-soċjeta' Elmo ħallsitha €205,490.

55. Ikkunsidrat dana kollu, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi s-soċjeta' Holden Developments Limited hija responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' Mekkanika Limited fil-jiem ta' bejn is-7 u 8 ta' Marzu 2017, u għalhekk għandha tagħmel tajjeb għal kwalsiasi danni sofferti mill-istess Mekkanika Limited, u dana kemm għad-danni imħallsa mis-soċjeta' Elmo Limited, kif ukoll għad-danni mħallsa mis-soċjeta' GasanMamo Limited.

**Ikkunsidrat**

56. Meqjus dan, il-Qorti tqis illi issa għandha tikkunsidra id-difiża mqajjma mill-intimati li s-soċjeta' GasanMamo ma għandhiex relazzjoni ġuridika ma' ebda mill-intimati, u dana partikolarment fl-ottika tal-argument u konsiderazzjonijiet imqajjma mis-soċjeta' Elmo Insurance Limited, fejn intqal illi s-soċjeta' Mekkanika kienet tat *Discharge & Subrogation Form* lis-soċjeta' Elmo Insurance tad-danni kollha minnha sofferti u debitament risarċita għalihom, u għalhekk is-soċjeta' GasanMamo ma kellha ebda bażi

ta' azzjoni u ma setgħetx tingħatalha Discharge & Subrogation Form oħra, kif di fatti seħħ fid-19 ta' Ġunju 2019.

57. Kif ben irrilevaw l-abbli difensuri tal-partijiet, il-ħtieġa u użu ta' Discharge & Subrogation Form hija sabiex l-assikurat jiġi prekluż milli jabbuża mill-possibilta' li jgawdi minn aktar minn riżarċiment wieħed għall-istess danni meta jkollu aktar minn polza waħda filwaqt illi tqiegħed lil min tkun ingħatat tali Discharge & Subrogation, ossija l-assikurazzjoni, f'posizzjoni illi tiġġieled għad-danni sofferti mill-assikurat tagħhom u li huma rriżarċewh għalihom, u dan bil-għan illi huma jkunu f'posizzjoni illi jirkupraw id-danni minnhom imħallsa lill-assikurat tagħhom.

58. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi s-soċjeta' Mekkanika Limited, illi eventwalment kienet il-benefiċċjarja tal-pagamenti kollha illi wasslu għall-pendenza odjerna bejn iż-żewġt assikurazzjonijiet, kienet tħallset b'kollox is-somma ta' €228,322, fejn is-somma ta' €205,490 tħallset mis-soċjeta' Elmo Insurance Limited, filwaqt illi s-somma ta' €22,832 tħallset mis-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited.

59. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' GasanMamo Limited rrisarċiet lis-soċjeta' Elmo Insurance Limited is-somma ta' €97,192, liema somma tħallset lis-soċjeta' Elmo Insurance Limited unikament in vista tal-fatt illi kellha polza tal-assikurazzjoni valida mas-soċjeta' Mekkanika Limited illi hija kellha tonora, u bil-prinċipju ta' kontribuzzjoni ta' indennizz, hija għenet lis-soċjeta' Elmo Insurance Limited billi radditilha lura parti mis-somma minnha mħallsa.

60. Jirriżulta, għalhekk, illi, wara li jsiru l-konteġġi meħtieġa, s-soċjeta' Elmo Insurance spiċċat ħallset is-somma ta' €108,298 lis-soċjeta' Mekkanika Limited għal danni kkawżati minn Holden Developments Limited, filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti GasanMamo Insurance Limited ħallset is-somma ta' €120,024, parti direttament lis-soċjeta' Mekkanika u parti lis-soċjeta' intimata Elmo Insurance Ltd.

61. Jirriżulta wkoll illi, abbażi tal-prinċipju illi, ladarba jsir ħlas minn assikurazzjoni, hija tidħol fiż-żarbun tal-persuna illi lilha tkun għamlet il-ħlas, kemm is-soċjeta' Elmo Insurance Limited, kif ukoll is-soċjeta' GasanMamo Insurance Limited, għandhom dritt illi jirkupraw id-danni minnhom imħallsa.

62. Jirriżulta, għalhekk, illi f'każ illi assikurazzjoni tkun trid tfittex tiġbor dan minnha mħallas, is-soċjeta' Elmo Insurance Ltd tista' tfittex għas-somma ta' €108,298 filwaqt illi s-soċjeta' GasanMamo tista' tfittex għas-somma ta' €120,024.

63. Dana qiegħed jingħad, għax il-Qorti jidhrilha illi ma huwiex korrett l-argument tas-soċjeta' Elmo Insurance Limited fejn tgħid illi s-soċjeta' GasanMamo ma għandhiex dritt tirkupra lura s-somma ta' €120,024 mingħand is-soċjeta' Holden Developments Limitid, għaliex ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn l-istess GasanMamo u s-soċjeta' Holden Developments Limited.

64. Din il-Qorti jidhrilha illi fil-mument illi s-soċjeta' Elmo Insurance Limited għażlet illi tinvoka r-regoli tal-benefiċċju tal-kontribuzzjoni bejn l-assikuratriċi, hija kkonsentiet ukoll illi, la darba jsir ħlas lilha abbażi ta' tali kontribuzzjoni, l-assikuratriċi illi lilha tkun għamlet tali ħlas, fil-każ odjern GasanMamo, tiġi surrogata fid-drittijiet tagħha sal-limitu tal-ħlas lilha mgħoddi.

65. Fil-każ odjern, jidher ċar u mhux ikkontestat illi s-soċjeta' Elmo Insurance Limited irkuprat mingħand is-soċjeta' GasanMamo is-somma ta' €97,192, u għalhekk, fil-mument illi hija rċeviet u aċċettat tali flejjes, hija għaddiet lis-soċjeta' GasanMamo id-dritt tagħha illi tfittex lill-terzi, fil-każ odjern Holden Developments Limited, għall-valur tal-flus illi hija ġiet riżarċita għaliha – ossija €97,192.

66. Il-Qorti tirrileva illi l-fatt li s-soċjeta' Elmo Insurance Limited qiegħda, għal raġunijiet illi hija biss taf, tirrifjuta illi tgħaddi d-drittijiet illi hija tgawdi, għal dak illi jirrigwarda l-ħlas li sar, lis-soċjeta' GasanMamo, bl-ebda mod ma għandha titqies illi timpedixxi lis-soċjeta' GasanMamo milli tfittex lis-soċjeta' Holden Developments Limited għar-riżarċiment tal-flejjes imħallsa minn GasanMamo.

67. Fil-mument illi s-soċjeta' Elmo Insurance Limited għażlet illi taqsam mas-soċjeta' GasanMamo parti mill-piż minnha soffert tad-danni, hija għażlet ukoll illi taqsam mal-istess soċjeta' GasanMamo id-dritt ta' azzjoni u rivalza kontra s-soċjeta' illi kkawżat tali danni – ossija s-soċjeta' Holden Developments Limited.

68. Din il-Qorti ma tqisx illi għadha tinoltra ruħha fuq l-argumentazzjoni illi qamet bejn iż-żewġ assikurazzjonijiet dwar jekk qed isirx arrikkiment indebitu jew jekk l-assikurat qiegħedx jiġi protett mill-assikurazzjoni – dawna ma humiex kwistjonijiet illi dina l-Qorti tqis illi għandha tikkonsidra.

69. Dana qiegħed jingħad, għax il-vertenza hija waħda ċara u netta u ma kellha qatt tispiċċa quddiem il-Qrati – la darba assikurazzjoni tirċievi riżarċiment għal danni minnha imħallsa, id-drittijiet ta' azzjoni naxxenti minn tali danni jiġu trasferiti, in toto jew in parte, bħal fil-każ odjern, lil min ikun ħallas tali riżarċiment – għalhekk, fil-każ odjern, ladarba s-soċjeta' Elmo Insurance Limited irċeviet is-somma ta' €97,192 mingħand is-soċjeta' GasanMamo, id-drittijiet tagħha naxxenti minn tali somma ta' €97,192 ġew awtomatikament trasferiti lis-soċjeta' GasanMamo, li għalhekk kellha kull dritt illi tfittex lis-soċjeta' Holden għar-riżarċiment.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kif ukoll semgħet it-trattazzjoni orali tagħhom;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati, u għalhekk:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi s-soċjeta' Holden Development Company Limited hija unikament responsabbli għall-ħsarat ikkawżati bejn is-7 u 8 ta' Marzu 2017 u li għaliha s-soċjeta' rikorrenti ħallset abbażi tal-polza tal-assikurazzjoni *Contractors All Risk Policy* Numru 61477E561 maħruġa minn GasanMamo Insurance a favur ta' Mekkanika Ltd.

**Tikkundanna** lil Holden Development Company Limited sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €120,024 għar-raġunijiet premessi.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Interessi** mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**